Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 619/10 Gozo (JE).

Jude Thaddeus sive Teddy Said (Karta ta' l-identità numru 64538(G) u martu Mary Jane Said (Karta ta' l-identità numru 2352(G).

vs

International Sales Direct Ltd.(C29706).

Illum, 17 ta' Frar 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Jude Thaddeus sive Teddy Said u martu Mary Jane Said tas-27 ta' Settembru 2010 fejn ippremetta illi l-atturi ftehmu mas-soċjetà konvenuta li jixtru airconditioner 12,000 BTU tat-tip "Hitachi" bil-prezz ta' sitt mija u disa' u tmenin euro 81 ċenteżmu (€ 689.81). Illi dan l-air-conditioner qatt ma ffunzjona b'mod normali u żvilluppaw ħsarat fih u għaldaqstant, ir-rikorrent talab illi prevja illi dan it-Tribunal jiddikjara illi l-"air-conditioner" in kwistjoni ma kienx tal-marka "Hitachi" kif miftiehem u li huwa difettuż, jordna illi l-intimat jieħu lura l-istess "air-conditioner" u jirrifondih il-prezz imħallas.

Ra r-risposta tas-soċjetà ntimata illi permezz tagħha ċaħdet illi l-"air-conditioner" kellu xi ħsara u kull meta mar it-tekniku tagħha għand ir-rikorrent kien jirriżulta illi l-problema kienet illi r-rikorrent ma kienx jaf iħaddem sew ir-"remote". Sostniet ukoll illi t-tekniku wera lir-rikorrent kemm il-darba kif iħaddem ir-"remote" u illi l-"air-conditoner"in kwistjoni qatt ma nfetaħ.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi r-rikorrenti qed jikkontendi illi l-"air-conditioner" mixtri miegħu ma kienx tal-marka "Hitachi" kif kien imwiegħed u illi tali "air-conditioner" ma kienx jaħdem kif suppost, anzi kien jaħdem b'mod sporadiku u anke l-kompressur ma kienx jaqta. Is-soċjetà intimata mill-banda l-oħra qiegħda tikkontendi illi l-"air-conditioner" ma kellu l-ebda ħsara u illi l-unika problema li kellu kienet is-"setting" tar-"remote".

Illi anke jekk wieħed kellu jemmen l-asserzjoni tas-soċjetà intimata, xorta jibqa' l-fatt illi r-rikorrent ġab provi adekwati illi l-"air-conditioner" imsemmi ma kienx tal-marka "Hitachi", Barra l-korrispondenza diretta li saret mad-ditta "Hitachi" li ġiet esibita bħala Dok. "AD1", it-Tribunal ma jistax ma jagħtiex piż lill-affidavit esibit bħala "Dok. RR" kif ukoll l-ittra

m'hux maħlufa esibita bħala Dok. "RR1". Mill-banda l-oħra, is-soċjetà intimata esibiet dikjarazzjoni m'hux maħlufa magħmula mis-soċjetà estera "Always Group (HK) Ltd." illi fiha ġe dikjarat illi "the air-conditioner products mentioned above are supplied by us under OEM brand "ISD" with Hitachi components."

Illi t-Tribunal jidhirlu illi r-relazzjoni bejn il-kummerċjant u l-konsumatur għandha tkun waħda trasparenti u l-konsumatur kellu jiġi infurmat qabel ma kkonkluda x-xirja illi l-"air-conditioner" in kwistjoni kellu biss partijiet minnu tal-marka "Hitachi" imma ma kienx magħmul mill-istess ditta. Illi mill-premess huwa evidenti illi l-"air-conditioner" ikkunsenjat lir-rikorrenti ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jordna illi s-soċjetà intimata tneħħi l-"air-conditioner" imsemmi mid-dar tar-rikorrenti a spejjeż tagħha u jordna r-rifużjoni tas-somma ta' sitt mija u disa' u tmenin euro 81 ċenteżmu (€ 689.81) li ħallasha r-rikorrenti bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata.

Av. Joseph Ellis
Arbitru